MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 28/2008

Gregory u Agnes konjuġi Grech.

vs

Emanuel Balzan,
Maureen Balzan,
George Apap.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew illi:

1. Illi l-intimati huma veri ċerti u likwidi debituri in solidum a favur tar-rikorrenti fis-somma ta' sittax-il elf tlett mija u ħames Euro u wieħed u sittin ċenteżmu tal-euro (€ 16305.61) dovuti skond skrittura private datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Gunju, 2002 (Dok. GG1).

2. Illi għalkemm debitament interpellat biex iħallsu, huma baqgħu inadempjenti.

3. Illi l-intimati ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu għat-talbiet tar-rikorrenti kif jirriżulta mill-anness affidavit ai termini tal-Art 167-170 tal-Kap. 12 (dok GG 2).

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddeċidi l-kawża bid-dispensa ta' ta' smiegħ tal-provi ai termini tal-Art 167-170 tal-Kap 12.

2. Tiddikjara lill-intimati bħala veri ċerti u likwidi debituri in solidum a favur tar-rikorrenti fis-somma ta' sittax-il elf tlett mija u ħames Euro u wieħed u sittin ċenteżmu tal-Euro (€ 16305.61) dovuta skond skrittura private datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Gunju 2002.

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu in solidum is-somma ta' sittax-il elf tlett mija u ħames Euro u wieħed u sittin ċenteżmu tal-euro (€ 16305.61) dovuti skond skrittura privata datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Gunju 2002.

Bl-ispejjeż u bl-interessi skond il-liġi kontra l-intimati mill-lum għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Maureen Balzan u George Apap li permezz tagħha eċċepew illi:

1. Illi d-domandi attriċi fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi l-konvenuta Maureen Balzan mhijiex responsabbli għal kreditu dovut lill-atturi u dan stante illi permezz ta' kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u separazzjoni tal-beni magħmul fl-atti tan-Nutar Maria Grima datat 23 t'Awwissu 2004 (kopja annessa bħala Dok A) l-konvenut l-ieħor Emanuel Balzan, ġie assenjat il-proprjeta' kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u dan peress illi huwa assuma r-responsabilita' ghall-pagament tad-djun u debiti kollha

dovuti lil terzi persuni li saru matul iż-żwieġ tal-konvenuti, u dan ad esklużżjoni tal-esponenti;

3. Illi l-konvenut George Apap jirrespinġi bil-qawwa l-pretensjonijiet kollha tiegħu u dan stante illi huwa qatt ma ta l-kunsens tiegħu għall-kostituzzjoni ta' debitu in kwistjoni;

4. Salv eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut l-ieħor Emanuel Balzan, li minkejja li ġie notifikat b'dawn il-proċeduri permezz tal-pubblikazzjoni, għażel li jibqa' kontumaċi.
Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenuti Maureen Balzan u George Apap li biha eċċepew illi:

1. Illi l-esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju u dan stante illi kif jidher mill-iskrittura privata datata 24 ta' Ġunju 2002 li fuqha qed jibbaża t-talbiet tiegħu l-attur, il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna kellha tkun il-Kumpanija E & M Holdings u mhux l-esponenti fil-kapaċita' personali tagħhom;

2. Illi in oltre' l-esponenti Maureen Balzan lanqas biss ma dehret fuq l-iskrittura private imsemmija la personalment u lanqas għan-nom tal-Kumpanija.

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Novembru 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-affidavits u dokumenti oħra esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas tas-somma ndikata fir-Rikors, li ġiet mislufa minnhom lill-konvenuti permezz ta' skrittura privata ta' l-24 ta' Gunju

2002.[1] Il-konvenuti Maureen Balzan u huwa George Apap qed jopponu t-talba għad-diversi raġunijiet minnhom indikati fir-risposta tagħhom.

Irriżulta li permezz ta’ l-iskrittura msemmija Emanuel Balzan u George Apap, li allegatament kienu qed jidhru għall-“*Kumpanija E & M Holdings*” sselfu mingħand l-atturi s-somma ta’ ħamest elef lira maltija (LM5000) li obbligaw ruħhom li jirrestitwixxu fi żmien ħames (5) snin flimken ma’ l-imgħax relattiv ta’ elfejn lira maltija (Lm2000). Maureen Balzan, li sa dakinhar kienet għadha tirrisjedi ma’ Emanuel Balzan bħala l-mara tiegħu, (għax isseparat legalment minn miegħu permezz ta’ kuntratt tat-23 ta’ Awwissu 2004),[2] ma dehritx fuq l-istess skrittura. Ma tressqet ebda prova ta’ l-eżistenza ta’ din il-kumpanija, u għalhekk “E & M Holdings” aktarx kien sempliċement it-*trade name* li bih kienu qed joperaw il-konvenuti dik il-ħabta.

Il-konvenut Emanuel Balzan, baqa’ ma xehedx f’din il-kawża, imma ma jidhirx li jista’ jkun hemm xi difiża li tista’ tiġġustifika n-nuqqas ta’ responsabilita’ tiegħu għal dan il-ħlas.

Il-konvenut George Apap jinsisti li huwa qatt ma ta l-kunsens tiegħu għal dan is-self, pero’ lanqas ma ċaħad li kien iffirma l-iskrittura relattiva. In-Nutar Josienne Cini li rrediġiet l-istess skrittura, kkonfermat li hija kienet qrat u fisset il-kontenut ta’ din l-iskrittura qabel ma ġiet iffirmata mill-partijiet kollha li dehru fuqha, u dan kif inhi obbligata li tagħmel skond il-liġi.[3] Għalhekk ma jidher li hemm l-ebda raġuni għaliex dan il-konvenut jista’ jaħrab mir-responsabilita’ tiegħu għal ħlas ta’ dan id-dejn.

Il-konvenuta l-oħra Maureen Balzan, ippruvat li hija kienet isseparat minn ma’ żewġha permezz tal-kuntratt ta’ separazzjoni msemmi, li sar sentejn wara li ġiet redatta din l-iskrittura. Għalkemm f’dak il-kuntratt żewġha Emanuel kien assuma d-djun kollha li kellhom il-partijiet,

[1] Ara kopja esebita bhala Dok. GG 1 a fol. 6 - 7 tal-process .
[2] Ara Dok. A a fol. 22 – 24 .
[3] Ara deposizzjoni taghha a fol. 77 - 78 .

b'daqshekk biss din il-konvenuta ma setgħetx tiġi meħlusa mir-responsabilita' tagħha, għax dak il-ftehim ma kienx jeffettwa d-drittijiet li terzi kienu laħqu akkwistaw qabel ma ġiet xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti. Madankollu billi skond l-artikolu 1322(3) (f) tal-Kodiċi Ċivili "**li tissellef jew tisfel flus**" huwa meqjus bħala wieħed mill-atti ta' amministrazzjoni straordinarja li skond il-paragrafu (2) ta' l-istess artikolu jeħtieġ il-kunsens taż-żewġ partijiet għaż-żwieġ, u kif rajna, billi Maureen Balzan ma kienitx parti fuq l-iskrittura in kwistjoni, hija ma tistax tinżamm responsabbli wkoll għal dan id-dejn.

Għaldaqstant jiġi li huma responsabbli flimkien u *in solidum* bejniethom għall-ħlas ta' l-ammont indikat fir-Rikors, li jirrapreżenta l-ekwivalenti llum tas-Lm7000 maltin dovuti skond l-istess skrittura, il-konvenuti Emanuel Balzan u George Apap. Billi ma jidhirx li saret ebda talba għall-ħlas qabel ma ġie ntavolat ir-Rikors preżenti, u dan id-dejn lanqas ma jista' jitqies bħala wieħed kummerċjali, l-imgħaxijiet fuq is-somma mislufa, u ċioe' dik ta' ħamest elf lira maltija (jew aħjar illum l-ekwivalenti tagħha f'euro) huma dovuti mid-data tal-preżentata ta' dan ir-Rikors ġuramentat.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta Maureen Balzan, li hija mhix responsabbli għal dan id-dejn, tilqa' t-talba fil-konfront tal-konvenuti l-oħra Emanuel Balzan u George Apap, u tikkundannahom *in solidum* sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' sittax-il elf tlett mija u ħames euro u wieħed u sittin ċenteżmu (EUR 16305.61) rappreżentanti l-ħlas tal-flus mislufa lilhom permezz ta' l-iskrittura ta' l-24 ta' Gunju 2002, bl-imgħaxijiet ulterjuri fuq is-somma mislufa ta' ħamest elef lira maltija (Lm5000) mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti Emanuel Balzan u George Apap.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------